# Ir-Raba' Ħadd taż-Żmien ta' Matul is-Sena

## Qari I

*Jien qegħedtek profeta fuq il-ġnus.*

Ġer 1, 4-5. 17-19

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Ġeremija**

Fi żmien Ġosija,
4 ġietni l-kelma tal-Mulej u qalli:
5 «Qabel ma sawwartek fil-ġuf, għaraftek;
qabel ma ħriġt minn ħdan ommok, ikkonsagrajtek.
Jien qegħedtek profeta fuq il-ġnus.

17 Ħażżem ġenbejk,
qum u għidilhom kulma nordnalek.
La tibżax minnhom,
għax inkella nbeżżgħek jien quddiemhom.

18 Arani llum se nagħmel minnek
belt fortizza,
kolonna tal-ħadid,
ħajt tal-bronż,
kontra l-pajjiż kollu,
kontra s-slaten ta' Ġuda, u l-prinċpijiet tiegħu,
kontra l-qassisin tiegħu u l-poplu tal-pajjiż.
19 Huma jeħduha kontrik, imma ma jagħmlulek xejn,
għax jien inkun miegħek - oraklu tal-Mulej - biex neħilsek minnhom.»

**Il-Kelma tal-Mulej**

R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Salm Responsorjali

Salm 70 (71), 1-2. 3-4a. 5-6ab. 15ab u 17

R/. (15): Fommi jxandar il-ġustizzja tiegħek

[1]Fik, Mulej, jien nistkenn;
ma jkolli qatt għax ninfixel.
[2]Għall-ġustizzja tiegħek salvani u ħarisni;
agħtini widen u fittex eħlisni. R/.

[3]Kun sur ta' kenn għalija;
int wegħedt li tiġi dejjem issalvani,
għax blata u fortizza int għalija.
[4]Alla tiegħi, ħarisni minn id il-ħażin. R/.

[5]Għax inti, Sidi, it-tama tiegħi;
Mulej, inti l-fiduċja tiegħi sa minn żgħożiti.
[6]Fuqek serraħt sa minn twelidi,
sa minn ġuf ommi inti ħadtni. R/.

[15]Fommi jxandar il-ġustizzja tiegħek,
il-jum kollu l-għemejjel tal-għajnuna tiegħek,
[17]O Alla, sa minn żgħożiti int għallimtni;
u jien s'issa għadni nxandar għeġubijietek. R/.

# Qari II

*Issa hawn fidi, tama u mħabba, it-tlieta jibqgħu. Il-kbira fosthom l-imħabba.*

1 Kor 12, 31 – 13, 13

**Qari mill-Ewwel Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Korintin**

Ħuti, [31]intom ħabirku għal doni ogħla. Imma jien nurikom triq li
tgħaddihom ilkoll.

[13, 1]Li kont nitkellem bl-ilsna tal-bnedmin u tal-anġli bla ma kelli
l-imħabba, kont inkun qisni strument tar-ram iżarżar jew platti
jċekċku.

[2]U kieku kelli d-don tal-profezija u kont naf il-misteri kollha u l-għerf
kollu, kieku kelli l-fidi tiegħi sħiħa li nqanqal il-muntanji, imma ma
kellix imħabba, jiena ma kont inkun xejn.

[3]U kieku kelli nqassam ġidi kollu fil-karità u nagħti ġismi għall-ħruq
bla ma jkolli mħabba, xejn ma jkun jiswieli ta' ġid.

[4]L-imħabba taf tistabar u tħenn; l-imħabba mhijiex għajjura, ma
tintefaħx biha nfisha, ma titkabbarx fuq l-oħrajn; [5]ma tagħmilx dak
li mhux xieraq; ma tfittixx dak li hu tagħha, xejn ma tinkorla; ma
żżommx f'qalbha għad-deni, [6]ma tifraħx bl-inġustizzja, imma tifraħ
bil-verità; [7]kollox tagħder, kollox temmen, kollox tittama, kollox
tissaporti.

[8]L-imħabba ma tintemm qatt. Jgħibu l-profeziji, jisktu l-ilsna, jgħib
l-għerf. [9]Għalissa nafu biċċa, u l-profezija tagħna hi nieqsa; [10]imma
meta jfeġġ dak li hu sħiħ, jgħib dak li hu nieqes. [11]Meta kont tarbija,
kont nitkellem ta' tarbija, inħoss ta' tarbija, naħseb ta' tarbija. Meta
sirt raġel warrabt dak li hu ta' tarbija.

[12]Bħalissa naraw bħallikieku f'mera, imċajpar, imma mbagħad naraw
wiċċ imb wiċċ. Issa nagħraf biċċa, imbagħad nagħraf bħalma jien
magħruf issa. [13]Issa hawn fidi, tama u mħabba, it-tlieta jibqgħu.
Il-kbira fosthom l-imħabba!

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

*Jew il-forma l-qasira*

# Qari II

*Issa hawn fidi, tama u mħabba, it-tlieta jibqgħu. Il-kbira fosthom l-imħabba.*

1 Kor 13, 4-13

**Qari mill-Ewwel Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Korintin**

Ħuti, [4]l-imħabba taf tistabar u tħenn; l-imħabba mhijiex għajjura, ma
tintefaħx biha nfisha, ma titkabbarx fuq l-oħrajn; [5]ma tagħmilx dak
li mhux xieraq; ma tfittixx dak li hu tagħha, xejn ma tinkorla; ma
żżommx f'qalbha għad-deni, [6]ma tifraħx bl-inġustizzja, imma tifraħ
bil-verità; [7]kollox tagħder, kollox temmen, kollox tittama, kollox
tissaporti.

[8]L-imħabba ma tintemm qatt. Jgħibu l-profeziji, jisktu l-ilsna, jgħib
l-għerf. [9]Għalissa nafu biċċa, u l-profezija tagħna hi nieqsa; [10]imma
meta jfeġġ dak li hu sħiħ, jgħib dak li hu nieqes. [11]Meta kont tarbija,
kont nitkellem ta' tarbija, inħoss ta' tarbija, naħseb ta' tarbija. Meta
sirt raġel warrabt dak li hu ta' tarbija.

[12]Bħalissa naraw bħallikieku f'mera, imċajpar, imma mbagħad naraw
wiċċ imb wiċċ. Issa nagħraf biċċa, imbagħad nagħraf bħalma jien
magħruf issa. [13]Issa hawn fidi, tama u mħabba, it-tlieta jibqgħu.
Il-kbira fosthom l-imħabba!

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

## Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

Lq 4, 18

Hallelujah. R/. Hallelujah
Il-Mulej bagħatni nwassal il-bxara t-tajba lill-fqajrin,
u rrodd il-ħelsien lill-maħqurin.
R/. Hallelujah

## Evanġelju

***Ġesù ma kienx mibgħut għal-Lhud biss.***

Lq 4, 21-30

**Qari mill-Evanġelju skont San Luqa**

F'dak iż-żmien Ġesù qal lin-nies fis-sinagoga: 21«Din il-kitba seħħet
illum, intom u tisimgħu.»

22U lkoll laqgħu kliemu u stagħġbu għall-kliem mimli ħlewwa
li kien ħiereġ minn fommu u bdew jgħidu: «Dan mhuwiex bin
Ġużeppi?» 23Iżda hu qalilhom: «Żgur li se tgħidu għalija dan il-
proverbju: "Tabib, fejjaq lilek innifsek". Dak kollu li smajna li ġara
f'Kafarnahum agħmlu hawn f'pajjiżek ukoll!» 24U żied jgħidilhom:
«Tassew, ngħidilkom, ebda profeta ma jilqgħuh tajjeb f'pajjiżu.
25Għax, ngħidilkom is-sewwa, kien hemm bosta romol f'Iżrael fi
żmien Elija meta s-sema baqa' tliet snin u sitt xhur magħluq u waqa'
ġuħ kbir fil-pajjiż kollu; 26madankollu għand ħadd minnhom ma
ntbagħat Elija, imma għand waħda armla minn Sarefta ta' Sidon.
27U kien hemm bosta lebbrużi f'Iżrael fi żmien il-profeta Eliżew,
imma ħadd minnhom ma ġie mfejjaq ħlief Nagħman tas-Sirja.»

28Meta semgħu dan fis-sinagoga kulħadd imtela bil-korla; 29qamu, u
ħarġuh 'il barra mill-belt, ħaduh fuq xifer ta' rdum tal-għolja li fuqha
kienet mibnija l-belt tagħhom, u riedu jixħtuh minn hemm fuq għal
isfel. 30Iżda hu għadda minn ġo nofshom u baqa' sejjer.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Tifħir lilek Kristu